MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-3 ta' Lulju, 2009

Numru 107/2009

**Pulizija**
**(Spettur Spiridione Zammit)**

**vs**

**Kenneth Caruana**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Kenneth Caruana ta’ 39 sena, bin Vincent u Rose nee’ Abela, imwieled Mtarfa l/o Rabat, Malta u residenti Massabielle, Triq l-Isqof Gargallo, Tarxien u detentur tal-karta tal-identita’ numru 154969(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

Fi 23 ta' Dicembru 2008 ghal habta ta' 11pm u hinijiet qabel waqt li kien fir-residenza li ggib l-isem Massabielle sitwata fi Triq l-Isqof Tumas Gargallo;

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f' periklu car ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha, u cioe' offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Elena Caruana minn Hal-Tarxien skond ma ccertifika it-tabib Dr. Amano Biancardi Reg 3124 mill-Isptar Mater Dei.

2. Fl-istess jum, lok, hin u cirkustanzi minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f' periklu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha fuq il-persuna ta' Elena Caruana cioe' ferita ta' natura hafifa skond ma ccertifika Dr. J. Vella Reg No2580 mic-Centru tas-Sahha Rahal Gdid.

3. Fl-istess jum, lok, hin u cirkustanzi bl-imgieba tieghu, ikkaguna lil Elena Caruana biza' li ser tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-propjeta' taghha, jew kontra l-persuna jew propjeta' ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet.

4. Fl-istess jum, lok, hin u cirkustanzi ghamel lil Elena Caruana minn Hal-Tarxien ingurja jew theddid mhux imsemmi band'ohra fil-Kodici Kriminali.

5. Fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, b' xi mod iehor mhux imsemmi band'ohra fil-Kodici Kriminali kiser volontarjament il-buon ordni jew il-kwiet pubbliku.

6. B'hekk irrenda ruhu recidiv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li huwa diga gie misjub hati permezz ta' diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta liema sentenzi saru definittivi w ma jistghux jigu mibdula.

7. Kkommetta reat li ghalih hemm kontemplat piena ta' prigunerija fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza, ai termini ta' l-Artikoli 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta datata 17 ta' Mejju 2007.

8. Il-Qorti kienet gentilment mitluba sabiex f’ kaz ta’ htija tipprovdi ghas-sigurta ta’ Elena Caruana minn Hal-Tarxien tapplika l-provedimenti ta’ Art 383, 384 u 385 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 9 ta’ Frar 2009 (esebit *a folio 6* tal-Process) sabiex il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tat-30 ta’ April 2009 l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi.

Ikkunsidrat:

Illi dan il-kaz jirrigwarda ncident li nqala’ bejn il-konjugi Elena u Kenneth Caruana fit-23 ta’ Dicembru 2008 liema ncident sehh fid-dar matrimonjali taghhom. L-imputat jinsab akkuzat li kkaguna griehi ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ martu kif ukoll illi ingurjah u li bl-imgieba tieghu geghla tahseb li ser tintuza vjolenza kontra taghha jew kontra l-propjeta’ taghha.

Fl-udjenza tat-30 ta’ April 2009 il-parti civili Elena Caruana ddikjarat li ma xtaqitx tixhed kontra zewgha, u cioe’ l-imputat, u ddikjarat ukoll li kienet qed tirrinunzja ghall-azzjoni kriminali fil-konfronti tal-imputat. Il-Qorti hija ghalhekk rinfaccjata b’sitwazzjoni fejn l-unika verzjoni tal-fatti dwar dak li effettivament gara fl-incident mertu ta’ din il-kawza hija dik moghtija mill-imputat fl-istqarrija minnu rilaxxjata fid-29 ta’ Dicembru 2008 (esebita a fol. 30 sa 32 tal-process) fejn huwa jirrakkonta li kien irritorna d-dar wara l-party tax-xoghol fejn martu bdiet toffendih u bdiet taghtih bis-sieq u bl-idejn. Huwa jghid ukoll li rrisponda billi offenda u nsulenta lil martu izda jghid li m’heddidiex anzi jispjega li kienet hi li hedditu li ser toqtlu u li ser titfghu barra mid-dar. L-imputat ammetta li fil-prezenza tal-Pulizija kien ghajjar lil martu u li kienu zammewh il-Pulizija

sabiex ma jmurx ghal martu. Huwa kkonferma wkoll li kien kiser il-bieba tal-gwardarobba fil-kamra tas-sodda waqt l-incident izda cahad li kien ta daqqiet ta’ ponn jew ta sieq lil martu.

F’dawn il-proceduri xehed Dr. Mark Anthony Attard Bianchardi li rilaxxja c-certifikat mediku esebit a fol. 17 tal-process fejn ikkonferma li fl-24 ta’ Dicembru 2008 kien ezamina lil Elena Caruana u li din kellha frattura f’ghadma fil-bazi tas-sieq tax-xellug. Stante li Elena Caruana ghazlet li ma tixhidx fil-proceduri odjerni ma ngabitx il-prova li l-griehi riskontrati minn Dr. Attard Bianchardi effettivament gew kagunati mill-imputat. L-imputat sejjer ghalhekk jigi dikjarat mhux hati tal-ewwel(1) u t-tieni(2) akkuza migjuba fil-konfronti tieghu. Ghall-istess ragunijiet l-imputat qed jigi dikjarat mhux hati tar-raba’(4) akkuza migjuba fil-konfronti tieghu.

Permezz tat-tielet(3) akkuza l-imputat jinsab akkuzat li bl-imgieba tieghu ikkaguna f’Elena Caruana biza li ser tintuza vjolenza kontra taghha jew kontra l-propjeta’ taghha. Il-Qorti jidrilha li din l-akkuza tirrizulta pruvata stante li fl-istqarrija minnu rilaxxjata l-imputat jammetti li kien kiser xi affarijiet fid-dar u li kien offenda u nsulenta lil martu. Il-hames(5) akkuza wkoll tirrizulta pruvata minn dak li qal l-imputat fl-imsemmija stqarrija.

In kwantu jirrigwarda is-sitt(6) u seba’(7) akkuza migjuba fil-konfronti tal-imputat ma ngabet ebda prova tar-recidiva u l-anqas ma giet esebita is-sentenza tas-17 ta’ Mejju indikata fis-seba’(7) akkuza. L-imputat sejjer ghalhekk jigi dikjarat mhux hati tal-imsemmija sitt(6) u seba’(7) akkuza migjuba fil-konfronti tieghu.

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat li il-konjugi Caruana qed jaghmlu tentattivi serji sabiex jirrikonciljaw il-pendenzi ta’ bejniethom u ghalhekk jidrilha li fic-cirkostanzi ma jkunx opportun li tigi mposta piena karcerarja effettiva jew sospiza.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 251B u 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Qorti tiddikjara li qed issb

lill-imputat hati tat-tielet(3) u l-hames(5) akkuza migjuba fil-konfronti tieghu u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettiex reat iehor sa zmien sentejn millum. Il-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-ewwel(1), it-tieni(2), ir-raba'(4), is-sitt(6) u s-seba'(7) akkuza migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess akkuzi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------